



Brussell, 9 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

9536/26

LIMITE

CORLX 495
CFSP/PESC 734
RELEX 691
FIN 731
COEST 392

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru
269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew
jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna¹,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/2014/145\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/2014/145(1)/oj).

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014² jagħti effett lill-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2014/145/PESK.
- (2) Fi ... 2026, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2026/...³⁺, li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK.
- (3) Sabiex tiġi żgurata d-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-provvista għall-operaturi tal-Unjoni, id-Deċiżjoni (PESK) 2026/...⁺⁺ tintroduċi derogi temporanji ġodda mill-iffriżar tal-assi u l-projbizzjoni fuq it-tqegħid ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi għad-dispożizzjoni ta' entità deżinjata, li tippermetti l-istralċ ta' operazzjonijiet, kuntratti u ftehimiet oħra konklużi ma' dik l-entità u x-xiri mill-industrija ta' komponenti kritiċi manifatturati minn dik l-entità. L-operaturi huma mistennija jadottaw u jimplimentaw pjanijiet ta' diversifikazzjoni xierqa qabel l-iskadenza ta' dik id-deroga, bil-ħsieb li jippermettu tranżizzjoni lejn sorsi alternattivi ta' provvista.
- (4) Dawn il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għalhekk, b'mod partikolari bil-ħsieb tal-iżgurar tal-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha, hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/269/oj>).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/... ta' ... li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU L ..., ELI: ...).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok imla n-numru ta' referenza, id-data u r-referenza tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni fid-dokument ST 9534/26.

⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok imla n-numru tad-Deċiżjoni fid-Dokument ST 9534/26.

Artikolu 1

Fl-Artikolu 6b tar-Regolament (UE) Nru 269/2014, jiżded il-paragrafu li ġej:

“51. B’deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti ta’ Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lill-entità elenkata skont l-entrata numru 692 taħt l-intestatura “Entitajiet” fl-Anness I ta’ dan ir-Regolament, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dik l-entità, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma strettament meħtieġa għal:

- (a) it-terminazzjoni sal-31 ta’ Diċembru 2026, ta’ operazzjonijiet, kuntratti jew ftehimiet oħra kunklużi mal-entità elenkata taħt l-entrata numru 692 qabel it-23 ta’ April 2026 u dment li r-rilaxx jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta’ fondi jew riżorsi ekonomiċi jkun tlesta sal 31 ta’ Diċembru 2026; jew
- (b) xiri mill-industrija ta’ komponenti kritiċi manifatturati minn dik l-entità u għal pagamenti korrispondenti lil dik l-entità bil-ħsieb li tkun tista’ ssir tranżizzjoni lejn sorsi alternattivi ta’ provvista dment li r-rilaxx jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta’ fondi jew riżorsi ekonomiċi jkun tlesta sa ... [OJ: jekk jogħġbok daħħal id-data 9 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament].”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President